mt
I-Unjoni Ewropea
Politika reġjonali

# inforegio panorama

| Nru 25 | Marzu 2008 |



# Il-politika reġjonali, l-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima

# Kontenut

## Il-politika reġjonali, *l-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima*


**L-iżvilupp sostenibbli u l-iżvilupp reġjonali – minn sfida dwar il-klima għal azzjoni dwar l-enerġija** 3

It-tibdil fil-klima – u l-impatt tiegħu fuq il-mod kif nipproduċu u nikkunsmaw – huwa dejjem aktar fiċ-ċentru tal-politika dwar l-iżvilupp sostenibbli.



**L-addattament reġjonali għat-tibdil fil-klima: sfida għall-ippjanar ta' l-ispazji Ewropej** 7



Huwa kruċjali għall-Ewropej li jiġu implimentati miżuri f'waqthom, adegwati u effiċjenti ta' adattament sabiex jevitaw jew inaqqsu l-ħsara potenzjali tat-tibdil fil-klima għas-sistemi umani u ekoloġiċi.

**Reġjuni jaħdmu flimkien dwar żvilupp sostenibbli** 10

In-netwerk ta' "Programmi għall-Integrazzjoni Ambjentali fl-Iżvilupp Reġjonali (GRDP)" żviluppa prodotti biex jgħinu lill-entitajiet pubbliċi jagħtu importanza sħiħa lill-kwistjonijiet ambjentali fl-iżvilupp lokali u reġjonali.



**L-ERDF fl-azzjoni: Ir-Renju Unit, l-Awstrija, il-Greċja, URBACT** 13



**Testimonjanza: Il-Polonja** 14



**Rapport: Fit-triq sewwa lejn ekonomija li ma tantx tipproduċi dijossidu karboniku** 16



Il-Lvant ta' l-Ingilterra huwa wieħed mill-ftit reġjuni Ewropej li probabbli jilħaq il-miri ġodda u ambizzjużi għat-tnaqqis tal-karbonju fl-UE li ġew stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea.

**Testimonjanza: Il-Ġżejjer Kanari (Spanja)** 20



**INTERREG fl-azzjoni** 21





Ritratti (paġni): Il-Kummissjoni Ewropea (1, 3, 4, 5, 6, 15), LIFE projects (3, 4, 5, 6, 7, 8, 9), Mark Passmore (10, 11), South West Regional Office (12), Ecodyfi (13), Energieagentur Judenburg-Knittelfeld-Murau (13), ANATOLIKI S.A. (13), Commune Napoli (13), EEDA (16, 28, 29), Dong Energy A/S (17), Instituto Tecnológico de Canarias (20), ASECOR (21), Stadtreinigung Leipzig, Vital Signs project (21), GTK (21).

Qoxra: Proġett tax-Xmara Nestos: Id-Diga Thissavros għall-irrigazzjoni u l-ħtiġijiet ta' enerġija (b'kooperazzjoni mal-Bulgarija), Drama, il-Greċja.
Kontributuri oħra: Pierre Ergo, Jean-Luc Janot.

Editur: Ana-Paula Laissy, Kummissjoni Ewropea, DĠ Politika Reġjonali.
Din ir-rivista hija stampata bl-Ingliż, Franċiż u Ġermaniż fuq karta riċiklata.

Id-dossier tematiku huwa disponibbli fi 22 lingwa ta' l-Unjoni Ewropea fuq:
http://ec.europa.eu/regional_policy/index_en.htm



L-opinjonijiet espressi f'din il-pubblikazzjoni huma dawk ta' l-awtur u mhux bilfors jirriflettu l-fehmiet tal-Kummissjoni Ewropea.

# L-iżvilupp sostenibbli u l-iżvilupp reġjonali – minn sfida dwar il-klima għal azzjoni dwar l-enerġija

**It-tibdil fil-klima – u l-impatt tiegħu fuq il-mod kif nikkunsmaw u nipproduċu – huwa dejjem aktar fiċ-ċentru tal-politika dwar l-iżvilupp sostenibbli. Għalhekk, huwa ċentrali għall-iżvilupp reġjonali, billi jippreżenta sfida li m'għandhiex preċedenti, iżda huwa wkoll opportunità għar-reġjuni Ewropej f'dak li għandu x'jaqsam mal-kapaċità tagħhom li jġeddu u joħolqu impjiegi ġodda.**



*Sistema kbira fotovoltajka tipproduċi 530 MWh mill-enerġija mix-xemx fi Blons, l-Awstrija.*

"L-iżvilupp sostenibbli", li jimplika bilanċ bejn interessi ekonomiċi, soċjali u ambjentali, ilu mira fundamentali tal-politika Ewropea. Madankollu, issa qiegħda tieħu prijorità sfida waħda importanti: it-tibdil fil-klima[1]. Għalkemm il-proċessi li jwasslu għal tibdil fil-klima huma marbuta ma' numru ta' oqsma (l-arja, l-ilma, il-ħamrija, il-bijodiversità) u ma' numru ta' setturi (it-trasport u l-bini, l-industrija u l-agrikoltura), element wieħed prinċipali huwa preżenti fihom kollha – l-enerġija. Din l-enerġija tiddependi ħafna fuq il-fjuwils fossili, li mhux biss huma kontributur ewlieni għall-effett tas-serra iżda huma wkoll limitati f'termini tar-riservi li jifdal. Din is-sitwazzjoni tfisser li l-UE hija dipendenti fuq provvisti esterni ta' l-enerġija u hija esposta għall-instabilità fil-prezzijiet.

Għaldaqstant jagħmel sens li l-enerġija u t-tibdil fil-klima jkunu inklużi b'mod prominenti fost is-seba' sfidi elenkati fl-Istrateġija ta' l-UE dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (SDS), adottata mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea fl-2006. Is-sitt sfidi l-oħra identifikati fl-SDS huma t-trasport sostenibbli, il-konsum u produzzjoni sostenibbli, il-konservazzjoni tar-riżorsi naturali, is-saħħa, l-inklużjoni soċjali u d-demografija, u l-faqar globali.

(1) Green Paper mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat għar-Reġjuni – Nadattaw għall-bidla klimatika fl-Ewropa – alternattivi għall-azzjoni ta' l-UE (COM(2007) 354 finali); u l-proġett PESETA – L-impatti tal-bidla klimatika fl-Ewropa: http://peseta.jrc.es/

## L-Ewwel rapport tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija għall-iżvilupp sostenibbli

Fit-22 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni Ewropea adottat l-ewwel rapport tal-progress tagħha dwar l-SDS[2]. Għalkemm il-progress f'dan il-qasam għadu modest, l-iżviluppi fil-linji politiċi Ewropej u nazzjonali huma aktar inkoraġġanti, b'mod partikolari fil-qasam ta' l-enerġija u t-tibdil fil-klima. Il-politika ġdida integrata li ġiet adottata mill-Kunsill f'Marzu 2007 tinkludi fost l-aktar miżuri importanti li ttieħdu fuq livell Ewropew. Kważi l-Istati Membri kollha adottaw strateġiji biex jikkumbattu t-tibdil fil-klima.



*Jum mingħajr karrozzi fi Brussell, il-Belġju.*

Kuntrarju għal setturi oħra, u minkejja l-iżviluppi fil-prestazzjoni tal-vetturi, l-emissjonijiet ta' gassijiet tas-serra kkawżati mit-trasport komplew jiżdiedu b'mod proporzjonali mal-PGD. Fil-qasam tal-produzzjoni sostenibbli, huwa diffiċli biex jiġiu kkalkulati r-riżultati fuq skala kbira. Filwaqt li numru dejjem akbar ta' kumpaniji qegħdin jipprovdu prodotti u servizzi sostenibbli, u l-inizjattivi sabiex jippromwovu l-ekoteknoloġiji jew it-tikketti ekoloġiċi qegħdin jiżdiedu, għad hemm potenzjal konsiderevoli mhux esplorat. Fir-rigward tal-kwistjoni tar-riżorsi naturali, is-sitwazzjoni hija diversa u kumplessa, b'xi oqsma li huma ta' tħassib reali, bħall-kwalità tal-ħamrija, il-bijodiversità u r-riżorsi tal-baħar.

## L-enerġija u r-reġjuni: studju mill-Parlament Ewropew

Studju[3] mwettaq taħt l-awspiċi tal-Parlament Ewropew u ppubblikat f'Ġunju 2007 iħares lejn l-appoġġ għall-enerġiji sostenibbli u li jiġġeddu fil-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni 2000-2006 fil-15-il Stat Membru u l-proġetti ta' l-Oqfsa Strateġiċi ta' Referenza Nazzjonali (NSRFs) tas-27 Stat Membru ta' l-UE.

Matul il-perjodu 2000-2006, in-nefqa ppjanata fuq enerġiji sostenibbli u li jiġġeddu fi ħdan il-programmi tal-Fond Strutturali ammontat għal madwar 1% tan-nefqa totali. L-NSRFs għall-perjodu ta' finanzjament 2007-2013 juru żieda sinifikanti f'dan il-qasam. Ġew allokati madwar €15-il biljun għal investimenti f'enerġiji li jiġġeddu, l-effiċjenza ta' l-enerġija u trasport urban nadif. Meta mqabbla mal-perjodu preċedenti, din il-figura tirrappreżenta ammont li huwa ħames darbiet ogħla milli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza u seba' darbiet ogħla milli taħt l-Objettiv tal-Kompetittività Reġjonali u l-Impjiegi.

### Xenarju tat-tendenza: Emissjonijiet ta' $CO_2$ għal kull superfiċje minħabba traffiku fit-toroq inter-urbani




*© Eurogeographics Association for the administrative boundaries origin of data: Based on output of KTEN, 2006.*
*It-testi u l-mapep li jirriżultaw minn proġetti ta' riċerka taħt il-programm ESPON ippreżentati f'dan ir-rapport mhux neċessarjament jirriflettu l-opinjoni tal-Kumitat ta' Monitoraġġ ta' ESPON.*
*Sorsi: MCRIT, ESPON*

T/Km2
0 1.000 50.000

(2) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew – Rapport tal-progress dwar l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli 2007 (COM(2007) 642 finali).
(3) Il-Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politika Interna ta' l-Unjoni: L-użu ta' enerġiji sostenibbli u li jiġġeddu fil-kuntest tal-politika strutturali 2007-2013 (Ġunju 2007).



*Impjant ta' l-enerġija bix-shale taż-żejt fl-Estonja.*

L-istudju mill-Parlament jippreżenta 15-il eżempju ta' prattika tajba u jifformula tliet rakkomandazzjonijiet ġenerali: li tiġi ffissata mira li tista' tintlaħaq, approċċ aktar strateġiku fl-enerġiji sostenibbli u li jiġġeddu, u ġestjoni aħjar ta' l-aspetti li għandhom x'jaqsmu ma' l-enerġija ta' l-interventi fis-settur.

## 20 20 sa l-2020

Proposta għal Direttiva[4], ippreżentata mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew fit-23 ta' Jannar 2008, tfittex li tinkoraġġixxi sforzi sabiex jintlaħqu l-miri ta' l-enerġija u l-klima li ġew adottati mill-Kunsill f'Marzu 2007. Fuq il-bażi tar-raġunijiet ekonomiċi u ekoloġiċi għall-użu ta' l-enerġiji li jiġġeddu, u l-ħtieġa li jissaħħaħ il-qafas legali ta' sostenn, il-Kummissjoni tipproponi pakkett ambizzjuż ta' miżuri li jimmarka l-bidu ta' "rivoluzzjoni industrijali ġdida".

Dawn il-miżuri jimmiraw sabiex jiksbu dawn li ġejjin sa l-2020: tnaqqis ta' 20% fl-emissjonijiet ta' gassijiet tas-serra madwar l-UE meta mqabbel mal-livelli ta' l-1990 (30% jekk ikun hemm kunsens internazzjonali); sehem ta' 20% ta' enerġiji li jiġġeddu fil-konsum ta' l-enerġija ta' l-UE sa l-2020 (meta mqabbel ma' 8.5 % fil-preżent); u l-bijofjuwils jintużaw għal 10% tal-ħtiġijiet tal-fjuwil għat-trasport, fejn il-fjuwil jiġi prodott b'mod ekonomikament vijabbli. Huwa propost ukoll titjib fis-sistema tan-negozjar ta' l-emissjonijiet.

(4) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat għar-Reġjuni - 20 20 sa l-2020. Opportunità għat-tibdil klimatiku ta' l-Ewropa (COM(2008) 30 finali).

# L-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli fi...

## ...il-Linji Gwida Strateġiċi tal-Komunità 2007-13

Il-Linji Gwida Strateġiċi tal-Komunità dwar il-Koeżjoni[1], adottati mill-Kunsill, jipprovdu lill-Istati Membri u r-reġjuni b'sett ta' linji gwida sabiex "jinkoraġġixxu l-iżvilupp armonjuż, bilanċjat u sostenibbli tal-Komunità". Ħafna minn dawn il-linji gwida, li huma spjegati fil-qosor hawn taħt, għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent.

Linja gwida 1.1.: "Biex l-Ewropa u r-reġjuni tagħha jsiru postijiet aktar attraenti fejn wieħed jinvesti u jaħdem". Dan jinvolvi t-twessigħ ta' l-infrastruttura tat-trasport (1.1.1.) flimkien ma' titjib fil-prestazzjoni ambjentali tal-modi ta' trasport u t-tqassim bilanċjat tagħhom, skond il-White Paper dwar il-politika għat-trasport.

Sinerġiji aħjar bejn il-ħarsien ta' l-ambjent u t-tkabbir (1.1.2.) jimplika li tingħata prijorità sabiex it-tniġġis jiġi miġġieled fejn joriġina, b'mod partikolari f'termini ta' skart. Il-Kunsill isejjaħ għal:

- investimenti importanti fl-infrastruttura, sabiex jiġu osservati l-leġislazzjoni ambjentali Ewropea u l-impenji ta' Kyoto;
- riabilitazzjoni ta' l-ambjent u l-wirt fiżiku;
- ħolqien ta' kundizzjonijiet attraenti għan-negozju;
- stabbiliment ta' miżuri għall-prevenzjoni tar-riskji permezz ta' l-immaniġġar aħjar tar-riżorsi naturali;
- riċerka aktar immirata;
- użu aħjar ta' l-ICTs;
- amministrazzjoni pubblika aktar innovattiva.

Bil-għan li jsir użu inqas intensiv ta' sorsi tradizzjonali ta' l-enerġija (1.1.3.), l-azzjonijiet proposti jikkonsistu f'li:

- jiġu sostnuti proġetti sabiex tittejjeb l-effiċjenza ta' l-enerġija u mudelli ta' żvilupp li ma tantx jużaw enerġija;
- jiġu inkoraġġiti enerġiji li jiġġeddu (RE) u teknoloġiji alternattivi;
- l-investimenti jiġu ffokati fuq sorsi tradizzjonali ta' l-enerġija sabiex ikunu żviluppati netwerks fejn ikun hemm evidenza ta' falliment tas-suq.

Linja gwida 1.2.: "Titjib ta' l-għerf u l-innovazzjoni għat-tkabbir". Biex jiffaċilitaw l-innovazzjoni u l-intraprenditorija (1.2.3), l-Istati Membri huma mistiedna sabiex jibnu fuq il-punti b'saħħithom ta' l-UE fl-eko-innovazzjonijiet u biex jinkoraġġixxu l-introduzzjoni ta' sistemi għall-immaniġġar ta' l-ambjent.

## ...L-Oqfsa Strateġiċi ta' Referenza Nazzjonali u l-Programmi Operattivi

Il-Linji Gwida Strateġiċi għall-Koeżjoni 2007-13 intużaw fit-tfassil tas-27 "Qafas Strateġiku ta' Referenza Nazzjonali" (NSRFs) approvati mill-Kummissjoni. L-NSRFs huma l-bażi ta' 434 Programm Operattiv, li issa kważi kollha ġew adottati.

B'mod ġenerali, dawn id-dokumenti jirriflettu l-impenn wiesa' ta' l-Istati Membri lejn il-ħarsien ta' l-ambjent u l-prevenzjoni tar-riskji, b'investiment totali ta' 51 biljun euro. Taħt il-programmi ġodda 2007-13, l-għajnuna tal-Politika ta' Koeżjoni mogħtija għal enerġiji sostenibbli u li jiġġeddu u għal trasport urban nadif tammonta għal €15.2 biljun.

## ...l-inizjattiva "Reġjuni lejn bidla ekonomika"

Din l-inizjattiva ġiet varata mill-Kummissjoni biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida Strateġiċi permezz ta' kooperazzjoni interreġjonali u n-netwerk għall-iżvilupp urban URBACT. L-inizjattiva ġiet allokata €327 miljun u tirrigwarda 30 tema ta' prijorità, li tnax minnhom huma ffokati fuq l-ambjent.

## ...ir-regolamenti tal-Fondi Strutturali u tal-Fond ta' Koeżjoni

Ir-regolamenti ġodda dwar il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni jagħmlu enfasi akbar fuq l-aspetti ambjentali ta' l-iżvilupp sostenibbli. Ir-**regolament ġenerali** jsemmihom fid-definizzjoni ta' l-għanijiet u l-missjonijiet tal-Fond (Artikolu 3), filwaqt li l-artikolu 17 ipoġġi l-azzjoni tal-Fondi kompletament fi ħdan il-qafas ta' l-iżvilupp sostenibbli u fi ħdan il-mira tal-ħarsien u t-titjib ta' l-ambjent.

Ir-Regolament dwar il-**Fond għall-Iżvilupp Reġjonali Ewropew** (ERDF) jispeċifika l-miżuri ambjentali previsti fl-oqsma kollha għal kull wieħed mill-objettivi ġodda ta' prijorità: Konverġenza (Artikolu 4), Kompetittività reġjonali u impjiegi (Artikolu 5), Kooperazzjoni territorjali Ewropea (Artikolu 6).

Artikolu 1 tar-Regolament dwar il-**Fond ta' Koeżjoni** jerġa' jiddikjara li l-Fond ġie maħluq b'riżultat tax-xewqa li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali bl-iskop ta' żvilupp sostenibbli filwaqt li l-Artikolu 2 jissottolinja l-enfasi ġdida tal-Fond fuq l-iżvilupp sostenibbli filwaqt li jiddikjara l-eliġibilità għall-"effiċjenza ta' l-enerġija u l-enerġija li tiġġedded".



*Huwa fl-interess ta' kullħadd li nieħdu ħsieb l-ekosistemi.*

(1) Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar il-linji gwida strateġiċi komunitarji dwar il-koeżjoni (2006/702/KE).

# L-adattament reġjonali għat-tibdil fil-klima: sfida għall-ippjanar ta' l-ispazji Ewropej

*Minn Ronan Uhel u Stéphane Isoard* [1]

**Huwa kruċjali għall-Ewropej li jiġu implimentati miżuri f'waqthom, adegwati u effiċjenti sabiex jevitaw jew inaqqsu l-ħsara potenzjali tat-tibdil fil-klima għas-sistemi umani u ekoloġiċi.**



*L-għargħar huwa l-ewwel effett viżibbli tal-bidla fil-klima.*

L-agħar effetti tat-tibdil fil-klima jistgħu ma jolqtux lill-Ewropa din is-sena jew is-sena d-dieħla. Madankollu, ma nistgħux naffordjaw li nkunu kompjaċevoli. In-nirien drammatiċi tas-sena l-oħra fil-foresti fil-Greċja u l-għargħar fir-Renju Unit urew għal darba oħra l-qawwa devastanti ta' l-elementi fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ekosistemi u l-impatti soċjo-ekonomiċi tagħhom. Għalkemm l-impatti tat-tibdil fil-klima jvarjaw minn naħa għall-oħra ta' l-Ewropa, evalwazzjonijiet riċenti mill-Panel Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) uwrew li l-frekwenza u l-intensità ta' l-avvenimenti relatati ma' temp estrem se jiżdiedu minħabba t-tisħin globali. Anki kieku l-emissjonijiet ta' gassijiet tas-serra kellhom jieqfu llum, dawn il-bidliet jissoktaw għal bosta għexieren ta' snin u fil-każ tal-livell tal-baħar, għal sekli; il-projezzjonijiet għall-2100 jissuġġerixxu li t-temperaturi fl-Ewropa se jkunu għolew b'madwar 2 sa 6 °C fuq il-livelli ta' l-1990.

## Il-ħtieġa ta' adattament: kwistjoni reġjonali u territorjali

Ix-xlokk ta' l-Ewropa, il-Mediterran u l-Ewropa ċentrali huma l-aktar reġjuni vulnerabbli għat-tibdil fil-klima. Mill-banda l-oħra, ir-reġjuni fit-tramuntana u xi reġjuni fil-punent ta' l-Ewropa jistgħu jesperjenzaw xi impatt benefiċi, b'mod partikolari fl-agrikoltura, għalkemm għal perjodu limitat biss ta' żmien. It-tibdil fil-klima jista' jwassal għal ġabriet akbar fil-foresti kummerċjali fit-tramuntana ta' l-Ewropa, filwaqt li huwa mistenni tnaqqis fir-reġjuni tal-Mediterran u l-Ewropa kontinentali minħabba nixfiet aktar frekwenti.

(1) Ronan Uhel huwa l-Kap ta' l-Analiżi spazjali u Stéphane Isoard huwa l-Amministratur tal-Proġett dwar L-impatti u l-adattament għat-tibdil klimatiku fiż-ŻEE. European Environment Agency, Kongens Nytorv 6, 1050 Copenhagen K, Denmark. www.eea.europa.eu

Barra minn hekk, huma probabbli riskji akbar ta' nirien finnofsinhar ta' l-Ewropa. Ir-reġjuni muntanjużi, bħall-Alpi, huma partikolarment vulnerabbli għat-tibdil fil-klima u diġà qegħdin isofru minn żidiet ogħla mill-medja fit-temperatura, fejn il-glaċieri u l-permafrost li jinħallu huma probabbli li jikkawżaw żieda fil-perikli naturali, fl-erożjoni tal-ħamrija u fl-għargħar. L-Awstrija diġà qiegħda tevalwa dawn ir-riskji u l-effetti avversi relatati fuq it-turiżmu tax-xitwa, billi qiegħda tassessja l-vulnerabilità tagħha għall-impatti tat-tibdil fil-klima u qiegħda tfassal azzjonijiet possibbli sabiex tadatta fil-ħin biex tnaqqas l-ispejjeż soċjali. It-tibdil fil-klima jista' jkollu effetti kbar fuq iż-żoni kostali minħabba ż-żieda fil-livell tal-baħar u l-bidliet fil-frekwenza u/jew il-qawwa tal-maltempati. L-Olanda, flimkien ma' partijiet interessati mis-setturi differenti, qiegħda tiżviluppa pjani biex tnaqqas ir-riskji minn għargħar kostali u tax-xmajjar. L-ambjenti naturali u l-ekosistemi kostali fuq il-baħar Baltiku, Mediterran u Iswed b'mod partikolari qegħdin f'riskju għoli b'telf konsiderevoli ta' artijiet mistagħdra.

adattament tul setturi ekonomiċi u temi ambjentali prinċipali, u nużaw għodod analitiċi xierqa, bħall-ippjanar ta' l-ispazji, għall-kwistjoni kkonċernata. Hemm bżonn ta' aktar riċerka soda u analiżi koordinata sabiex jiġu żviluppati settijiet u mudelli ta' dejta bażika, per eżempju hindcast reġjonali tal-klima ta' l-Ewropa biex tgħaqqad mudelli idroloġiċi mtejba mat-tibdil fil-klima. B'dan il-mod biss nistgħu nsaqsu mistoqsijiet fundamentali bħal, jekk in-nuqqas ta' ilma f'reġjun huwiex minħabba n-nuqqas ta' nżul tax-xita jew minħabba amministrazzjoni ħażina.

L-ispejjeż ekonomiċi ta' l-effetti tat-tibdil fil-klima (eż. l-ispejjeż tan-nuqqas ta' azzjoni) qegħdin jgħinu dejjem aktar biex jinfurmaw id-dibattitu dwar politika. Dan huwa importanti biex jiġu żviluppati risposti ta' adattament adegwati bħala mezz kif jiġu limitati d-danni jew jiġu realizzati opportunitajiet assoċjati mat-tibdil fil-klima. L-ispejjeż ekonomiċi jipprovdu metru komuni ta' kejl u monitoraġġ tul is-setturi u jistgħu jgħinu biex jidentifikaw oqsma prinċipali ta' tħassib. Hemm ukoll bżonn ta' perspettiva ekonomika fil-linji politiċi ta' adattament Ewropej u nazzjonali sabiex



*Lewn il-pil tal-lupu ta' l-arktiku diġà ġie affettwat mill-bidla fil-klima.*



*L-avjazzjoni hija waħda mis-sorsi li qed jiżdiedu l-aktar fir-rigward tan-tniġġis u l-emissjoni ta' karbonju.*

Għaldaqstant huwa kruċjali għall-Ewropej li jirrikonoxxu dan u jdaħħlu miżuri ta' adattament f'waqthom, adegwati u ta' valur għall-flus sabiex jevitaw jew inaqqsu l-ħsara potenzjali ta' dawn l-avvenimenti fuq sistemi umani u ekoloġiċi. It-tnaqqis tal-vulnerabilità u ż-żieda fir-reżistenza hija tabilħaqq prijorità komuni u urġenti għall-pajjiżi, ir-reġjuni, in-negozji u l-partijiet interessati kollha fl-Unjoni Ewropea.

## Lakuni fl-għerf u l-informazzjoni

Dawk li jfasslu l-politika u l-pubbliku għandhom bżonn l-informazzjoni, u sfida ewlenija se tkun biex jiġi żviluppat aktar il-fehim xjentifiku tat-tibdil fil-klima u ta' l-impatti fuq skala reġjonali sabiex ikunu jistgħu jiġu żviluppati u jintużaw l-aħjar għażliet possibbli ta' adattament. Attwalment, lanqas biss nafu biżżejjed biex nimplimentaw azzjonijiet strateġiċi u koordinati fuq livell ta' UE jew nazzjonali, aħseb u ara fuq livelli reġjonali u lokali.

It-titjib tal-bażi ta' l-għerf tagħna huwa prijorità ewlenija. Xi pajjiżi qegħdin jiżviluppaw jew iffinalizzaw evalwazzjonijiet nazzjonali tal-vulnerabilità u/jew pjani ta' adattament nazzjonali (eż. id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Portugall, Spanja, l-Iżvezja, l-Olanda u r-Renju Unit). Madankollu, hemm bżonn li nwettqu aktar evalwazzjonijiet tal-vulnerabilità u tal-kapaċità ta' tikkumplimenta l-għerf tagħna dwar l-impatti tat-tibdil fil-klima. Fil-fatt hemm verament ftit informazzjoni dwar l-ispejjeż ta' l-adattament u hemm bżonn urġenti ta' aktar xogħol biex tinbena l-bażi ta' l-evidenza biex tiffaċilita l-adattament infurmat, effiċjenti u proporzjonat fl-Ewropa.

Prattika tajba f'azzjonijiet inizjali ta' adattament, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw avvenimenti kurrenti ta' temp estrem, għandhom jiġu dokumentati u maqsuma. L-Aġenzija Ewropea dwar l-Ambjent (EEA) stabbiliet database dwar azzjonijiet mill-Istati Membri fis-settur ta' l-ilma iżda din jeħtieġ li tiġi aġġornata b'mod regolari mill-organizzazzjonijiet nazzjonali rilevanti u estiża għal Stati Membri ġodda u setturi oħra. Informazzjoni siewja hija disponibbli wkoll minn oqfsa internazzjonali oħra, per eżempju l-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima u l-IPCC għandhom dejta estensiva dwar il-vulnerabilità u l-adattament, iżda din l-informazzjoni jeħtieġ li ssir disponibbli b'mod aktar wiesa'.

Ħafna drabi r-riżultati mill-programmi ta' riċerka ma ġewx maqsuma b'mod sħiħ ma' dawk li jfasslu l-politika u partijiet interessati oħra f'forma li huma jistgħu jifhmu. Hemm xi eżempji tajbin, bħall-proġetti ESPACE (Ippjanar ta' l-Ispazji Ewropej: Adattament għall-Avvenimenti Klimatiċi) u BRANCH (Biodiversity Requires Adaptation in Northwest

Europe under a Changing climate – Il-Bijodiversità Teħtieġ Adattament fil-Majjistral ta' l-Ewropa taħt Klima li qiegħda tinbidel) taħt il-programm Komunitarju INTERREG, iżda globalment, hemm ħtieġa urġenti għal proġetti li jistgħu jgħinu sabiex jipprovdu l-gwida politika u l-istrumenti korretti u li għandhom jgħinu sabiex jiġu żviluppati netwerks transnazzjonali u subnazzjonali effettivi.

## Il-kuntest u l-perspettivi tal-politika

Il-Green Paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Adattament (2007)[2] tipprovdi l-qafas li fih iridu jiġu kkoordinati l-isforzi. Il-proċessi konsultattivi jridu jiġu 'indirizzati sewwa' sabiex ikun żgurat li l-Ewropa jkollha approċċ integrat tul il-mekkaniżmi diretti tagħha ta' finanzjament (eż. agrikoltura, koeżjoni, solidarjetà u strumenti LIFE+); kif ukoll il-leġislazzjoni eżistenti tagħha u r-risposti ġodda ta' politika. Il-Green Paper dwar l-Adattament bdiet il-proċess tal-politika dwar l-adattament ta' l-UE li se jkun sostnut u żviluppat aktar minn Grupp ta' Konsulenza Ewropew dwar l-Adattament u t-tħejjija tal-White Paper dwar l-adattament li għandha tiġi ppubblikata fl-aħħar ta' l-2008. Barra minn hekk, linji politiċi settorjali oħra, bħad-Direttiva dwar l-Għargħar (pożizzjoni komuni bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew fl-2007) u l-Komunikazzjoni dwar l-Iskarsezza ta' l-Ilma u n-Nixfiet li ġiet adottata mill-Kummissjoni Ewropea (Lulju 2007), jipprovdu qafas ta' politika utli ħafna u kumplimentari li jindirizza direttament l-impatti tat-tibdil fil-klima. Qiegħda titħejja wkoll Komunikazzjoni dwar il-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima fuq is-saħħa tal-bniedem.

Minn perspettiva ta' l-iżvilupp territorjali u reġjonali, qiegħda tingħata attenzjoni dejjem akbar għall-adattament għat-tibdil fil-klima. Fil-Konferenza Ministerjali Informali li saret f'Leipzig f'Mejju 2007, il-ministri responsabbli għall-Iżvilupp Spazjali fl-Istati Membri ta' l-UE ftiehmu fuq 'Aġenda Territorjali ta' l-Unjoni Ewropea' u fuq 'Pjan ta' Azzjoni dwar il-Koeżjoni Territorjali' f'Novembru 2007, li fihom, l-adattament għat-tibdil fil-klima huwa kwistjoni prinċipali. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tipprepara Green Paper dwar il-Koeżjoni Territorjali għall-2008. Linji politiċi oħra relatati b'dimensjoni territorjali huma d-Direttiva dwar l-Istrateġija Marittima, il-Ktieb Ikħal tal-Politika Marittima kif ukoll id-Direttiva Inspire dwar l-għoti ta' informazzjoni spazjali ambjentali.

B'dawn l-iżviluppi f'moħħha, l-Unjoni Ewropea trid tadatta l-istrutturi tal-governanza tagħha sabiex tindirizza n-natura cross-cutting ta' l-adattament. Jekk dan ma jsirx, jiġi pperikolat l-isforz kollu ta' l-adattament. Dan intwera b'mod ċar mill-proġett ESPACE, li jipprovdi gwida konkreta ta' l-adattament għall-formulaturi tal-politika involuti fl-immaniġġar ta' l-impatti tat-tibdil fil-klima fuq l-ippjanar spazjali għall-immaniġġar ta' l-ilma. Il-proġett jinvolvi li l-adattament għat-tibdil fil-klima jsir objettiv prinċipali ta' l-ippjanar spazjali, li wieħed iħares lilhinn mill-perjodu ta' l-ippjanar normali biex jifhem ir-riskji klimatiċi u jiġu promossi 'kampjuni ta' l-adattament għall-klima'.
Dan it-tip ta' proġett għandu jiġi mifrux għal reġjuni u kwistjonijiet ta' adattament oħra prinċipali, eż. in-nixfa u l-iskarsezza ta' l-ilma fir-reġjuni tan-nofsinhar u l-Mediterran.

L-ewwel pass huwa li jiġu żviluppati u implimentati azzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima fl-istrateġiji u l-linji politiċi eżistenti. Per eżempju, biex jittejbu d-disponibilità u l-kwalità ta' l-ilma u jitnaqqsu l-effetti ta' l-għargħar, element bażiku huwa d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma bl-approċċ gradwali u ċikliku tagħha. Huwa importanti li l-Istati Membri ta' l-UE issa qegħdin jieħdu passi biex jiddiskutu kif jiżguraw li t-tibdil fil-klima jkun inkorporat fil-pjani għall-immaniġġar tal-baċini tax-xmajjar diġà mill-ewwel ċiklu li jibda fl-2009. Hemm konnessjonijiet importanti li jridu jsiru fil-każ ta' l-ippjanar spazjali, billi huwa meħtieġ involviment qawwi tal-partijiet interessati sabiex l-adattament ikun aċċettat u jirnexxi. Partijiet interessati importanti jinkludu l-awtoritajiet subnazzjonali u lokali, in-negozji u ċ-ċittadini. B'mod partikolari dawk li jippjanaw l-ispazji għandhom jaħdmu fi ħdan il-kwadri korrispondenti sabiex jassiguraw li t-tibdil fil-klima jiġi inkluż billi huma qegħdin jittrattaw diversi livelli ta' ippjanar u jistgħu jintegraw u jmexxu fuq l-evalwazzjoni tal-kapaċità ta' adattament.



*L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' adattament huma kwistjoni relattivament ġdida.*

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' adattament hija kwistjoni relattivament ġdida. L-impatti estensivi tat-tibdil fil-klima fuq l-ambjent naturali u dak magħmul mill-bniedem tul is-setturi u r-reġjuni kollha mhumiex inkorporati b'mod suffiċjenti fl-iżviluppi ta' oqsma settorjali oħra (eż. l-immaniġġar tal-ħamrija u ta' l-ekosistemi). Dawn l-interazzjonijiet jeħtieġ li jiġu stabbiliti għal rispons ta' politika integrata u effiċjenti, ibbażata b'mod partikolari fuq xenarji klimatiċi mtejba fuq livell reġjonali, fehim avanzat tal-'prattiċi tajba' permezz ta' qsim ta' l-informazzjoni, il-parteċipazzjoni ugwali tas-setturi pubbliċi u privati, u l-assigurazzjoni tal-koerenza tal-miżuri ta' adattament ma' għanijiet oħra tal-politika. Irridu naġixxu issa u flimkien fl-Ewropa dwar l-adattament bl-istess mod kif qed isir dwar il-mitigazzjoni. L-azzjonijiet tagħna jridu jkunu sostenibbli, konsistenti u integrati ma' l-istrateġiji dwar il-mitigazzjoni. Il-livelli kollha tas-soċjetà tagħna huma involuti u hemm bżonn ta' oqfsa ġodda biex jassiguraw li dawn jipparteċipaw u jagħtu r-riżultati.

***Għal kwalunkwe domandi:***
***information.centre@eea.europa.eu***

(2) Green Paper mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat għar-Reġjuni – Nadattaw għall-bidla klimatika fl-Ewropa – alternattivi għall-azzjoni ta' l-UE (COM (2007) 354).

# Reġjuni jaħdmu flimkien dwar żvilupp sostenibbli

*Minn Flora Dewar u Julie Verré* [1]

**In-netwerk ta' "Programmi għall-Integrazzjoni Ambjentali fl-Iżvilupp Reġjonali (GRDP)" żviluppa prodotti biex jgħinu lill-entitajiet pubbliċi jagħtu importanza sħiħa lill-kwistjonijiet ambjentali fl-iżvilupp lokali u reġjonali.**



*Parteċipanti f'seminar f'Exeter, l-Ingilterra, fl-2006.*

Kull sena jintefqu mijiet ta' biljuni ta' Euro għall-iżvilupp tar-reġjuni Ewropej. Dawn il-flus joffru potenzjal kbir biex ir-reġjuni jiġu żviluppati b'mod li jipproteġi u jtejjeb l-ambjent, għalkemm bosta awtoritajiet xorta jsibuha diffiċli biex jagħmlu dan.

In-netwerk ta' 'Programmi għall-Integrazzjoni Ambjentali fl-Iżvilupp Reġjonali (GRDP)' ġie maħluq fl-2004 biex jillibera dan il-potenzjal. L-imsieħba fil-GRDP iridu jippromwovu programmi aktar effettivi, li jagħtu riżultati sostenibbli għan-nies lokali.

Is-sħubija (partnership) tal-GRDP ħadmet għal tliet snin biex tiżviluppa prodotti li jgħinu lill-organi pubbliċi madwar l-Ewropa kollha biex jagħtu importanza sħiħa lil kwistjonijiet ambjentali flimkien ma' għanijiet ekonomiċi u soċjali aktar tradizzjonali fis-sensiela ta' programmi ta' żvilupp 2007-2013 megħjuna mill-UE.

## L-oriġini tal-proġett tal-GRDP

Il-proġett tal-GRDP kien netwerk ma' l-Ewropa kollha ffinanzjat mill-programm Interreg III ta' l-UE. Twieled mid-diskussjonijiet bejn grupp ċentrali ta' msieħba mill-Italja, l-Awstrija, Spanja, Malta, l-Ingilterra u Wales. Huma ddiskutew l-esperjenza tagħhom ta' l-integrazzjoni ta' l-ambjent fi programmi reġjonali appoġġjati mill-Fondi Strutturali ta' l-UE.
Għalkemm ir-regoli ta' l-UE dwar l-użu tal-Fondi Strutturali jgħidu li l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli għandhom ikunu

(1) Rispettivament Uffiċjal għar-relazzjonijiet barranin, u Amministratur tal-proġett tal-GRDP. Environment Agency for England and Wales, Manley House, Kestrel Way, Sowton Industrial Estate, Exeter EX2 7LQ, UK. www.envisionsw.org

fil-qalba tal-programmi ta' żvilupp, bosta reġjuni jitħabtu biex jagħmlu dan realtà prattika. Il-proġett tal-GRDP ġie mfassal biex jgħin lil dawn ir-reġjuni.

Il-proġett laqqa' flimkien disgħa u tletin imsieħeb. Is-sħubija kienet varjata ħafna. L-imsieħba kienu awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, awtoritajiet ambjentali, aġenziji ta' l-iżvilupp u istituzzjonijiet tar-riċerka minn tmien Stati Membri ta' l-UE. Il-proġett kien imsejjes fuq l-idea li l-imsieħba riedu jitgħallmu mingħand xulxin u jiżviluppaw approċċ Ewropew komuni biex jintegraw l-ambjent fi programmi għall-iżvilupp reġjonali.

L-integrazzjoni ambjentali tfisser li l-ambjent jiġi ttrattat bħala komponent indaqs flimkien ma' kwistjonijiet soċjali u ekonomiċi f'kull stadju ta' l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' programm reġjonali. Sabiex tikseb dan il-għan, is-sħubija bniet rabtiet sodi ma' istituzzjonijiet u netwerks prinċipali madwar l-UE kollha bħan-Netwerk Ewropew ta' Awtoritajiet Ambjentali.

## Riżultati tal-GRDP

Fil-bidu tal-proġett, saret verifika dettaljata fir-reġjuni sħab sabiex jiġu identifikati prattiċi tajba u soluzzjonijiet prattiċi għall-integrazzjoni ta' l-ambjent fi programmi għall-iżvilupp reġjonali. Il-verifika identifikat ukoll studji tal-każ li jiddeskrivu kif l-ambjent ġie integrat b'suċċess f'Fondi Strutturali u programmi oħra ta' żvilupp. Minn dan, l-imsieħba fil-GRDP iddefinew erba' temi ta' ħidma u saru erba' workshops tekniċi. Wara l-workshops, inħarġu pubblikazzjonijiet fuq diversi suġġetti marbuta ma' l-integrazzjoni ambjentali.

Fl-2006, il-proġett tal-GRDP ipproduċa gwida li ntlaqgħet tajjeb ħafna madwar l-UE: Manwal dwar Evalwazzjoni Strateġika ta' l-Ambjent (SEA – Strategic Environment Assessment) għall-Politika ta' Koeżjoni 2007-13 (ara kaxxa 1).

## Il-Karta (Charter) u t-Toolkit

L-aħħar pubblikazzjonijiet jiddeskrivu fil-qosor is-sejbiet prinċipali tal-GRDP. Dawn huma l-Karta tal-GRDP u t-toolkit imsejħa "Lilhinn mill-konformità: kif ir-reġjuni jistgħu jibnu Ewropa sostenibbli".

Il-Karta tal-GRDP hija diretta lejn l-organizzazzjonijiet pubbliċi kollha Ewropej. Hija ġabra fil-qosor ta' aspetti bażiċi għall-integrazzjoni ambjentali fi programmi għall-iżvilupp reġjonali. Billi jiffirmaw il-Karta, huma jwiegħdu li "jaħdmu b'risq programmi aktar sostenibbli ta' żvilupp reġjonali, li jaħdmu fi sħubija u li jappoġġjaw proġetti ambjentali".

It-Toolkit tal-GRDP, kompleta b'CD-ROM ta' studji tal-każ, hija mfassla sabiex tassisti organi mis-settur pubbliku jintegraw kwistjonijiet ambjentali u l-ambjent fl-iżvilupp reġjonali. Hija tipprovdi ġabra ta' opuskoli, gwida u prattiċi tajba dwar suġġetti kruċjali għall-integrazzjoni ambjentali. Din il-gwida, li hija disponibbli b'seba' lingwi, tagħmel suġġerimenti prattiċi dwar kif jistgħu jinkisbu effiċjenza akbar u ffrankar fl-ispejjeż permezz ta' programmi u proġetti li jieħdu aktar ħsieb l-ambjent. Ġew organizzati workshops ta' tixrid ta' l-informazzjoni madwar l-Ewropa kollha dwar l-elementi prinċipali tat-Toolkit li kienu: "L-Ambjent bħala Fattur ekonomiku", "Evalwazzjoni Strateġika ta' l-Ambjent", "Is-sħubija bħala għodda għal programmi ta' żvilupp reġjonali li jieħdu ħsieb l-ambjent", "Kif tagħmel proġetti li jieħdu ħsieb l-ambjent".

### Manwal dwar evalwazzjoni strateġika ta' l-ambjent għall-Politika ta' Koeżjoni

Il-"Manwal dwar Evalwazzjoni Strateġika ta' l-Ambjent (SEA Handbook on Strategic Environment Assessment (SEA) għall-Politika ta' Koeżjoni 2007-2013" jipprovdi informazzjoni, riżorsi u gwida proċedurali għal dawk li jeħtiġuha sabiex iwettqu SEA għad-dokumenti ta' programmazzjoni dwar il-Politika ta' Koeżjoni. Dan tqiegħed fuq il-websajt tad-DĠ Politika Reġjonali ta' l-UE fost id-dokumenti ta' gwida tal-Kummissjoni Ewropea sabiex jassisti lil dawk kollha involuti fl-implimentar ta' azzjonijiet strutturali Ewropej. Din l-għodda tista' tintuża b'mod wiesa' bis-saħħa ta' l-imsieħba li qalbuha għal-Litwan, il-Grieg, it-Taljan, il-Portugiż, il-Pollakk u r-Rumen. Barra minn hekk, ħafna awtoritajiet minn stati membri differenti użaw il-metodoloġija tas-SEA tal-GRDP għall-programmi operattivi ġodda 2007-13. Per eżempju, fil-Greċja din intużat b'suċċess biex twettqu tliet SEAs f'reġjuni differenti.



***Il-ktejjeb jinsab fuq l-internet fuq:***
***http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docoffic/working/doc/sea_handbook_final_foreword.pdf***

### 10 ħjilijiet biex tikseb reġjuni li aktar jieħdu ħsieb l-ambjent mit-Toolkit tal-GRDP

1) Assigura li l-miri ambjentali jkunu mifruxa tul il-prijoritajiet u l-miżuri kollha tal-programm, u jiġu kkunsidrati fil-fażijiet kollha ta' programm.

2) Irrikonoxxi li l-proġetti li jieħdu ħsieb l-ambjent jistgħu jiffrankaw il-flus u jistgħu joħolqu opportunitajiet soċjali u ekonomiċi, kif ukoll jistimulaw l-innovazzjoni.

3) Ikkunsidra approċċ aktar sostenibbli għall-programmi tiegħek ta' żvilupp agrikolu u rurali.

4) Ikkunsidra l-adozzjoni ta' ġestjoni urbana integrata għall-bliet tagħna, u aċċetta r-riġenerazzjoni ambjentali bħala komponent ta' ekonomija lokali sostenibbli.

5) Irrikonoxxi li SEA ssaħħaħ l-ippjanar ta' l-iżvilupp reġjonali, u tagħti approċċ aktar sostenibbli għall-iżvilupp.

6) Appoġġja l-ħidma bi sħab fit-tiswir tal-politika, it-tfassil tal-programm u l-implimentazzjoni tal-proġett bħala għodda essenzjali għal programm li jirnexxi.

7) Ippromwovi l-involviment ta' imsieħba ambjentali, fosthom awtoritajiet ambjentali, NGOs u oħrajn.

8) Irrikonoxxi l-użu tan-netwerks biex tinbena l-kapaċità ta' l-istituzzjonijiet li jiżviluppaw strateġiji, linji politiċi, pjani u programmi Ewropej, nazzjonali u multi-reġjonali.

9) Aħdem favur l-integrazzjoni ta' aspetti ambjentali fit-tfassil, implimentazzjoni u monitoraġġ tal-proġetti kollha.

10) Ippromwovi u xerred b'mod estensiv informazzjoni dwar proġetti ambjentali ta' suċċess biex tinkoraġġixxi l-motivazzjoni u l-impenn fost applikanti u benefiċjari futuri tal-proġett.




### Il-vantaġġi li taħdem ma' reġjuni Ewropej oħra

Il-proġett INTERREG IIIC kien suċċess bis-saħħa ta' sħubija soda fl-UE u l-appoġġ dedikat mit-tim internazzjonali tal-proġett li kien ibbażat f'Exeter, fl-Aġenzija dwar l-Ambjent għall-Ingilterra u Wales. Il-firxa u n-numru ta' imsieħba taw esponiment għall-aħjar prattiċi fl-UE u opportunità sabiex jiġu diskussi kwistjonijiet komuni. Barra minn hekk, "żiedet is-saħħa" tal-messaġġi politiċi. Is-sħubija kienet kapaċi tinfluwenza fuq livell strateġiku u tistimula għarfien akbar tal-ħtieġa ta' integrazzjoni ta' l-ambjent fil-programmi.

Il-prodotti u l-attivitajiet tal-proġett għenu lil xi msieħba biex jiksbu aktar kredibilità u rikonoxximent għax-xogħol tagħhom fil-qasam ta' l-iżvilupp reġjonali li jieħu ħsieb l-ambjent.
Bis-saħħa tad-disponibilità f'waqtha tad-dokumenti tal-GRDP u n-netwerk tal-GRDP, l-imsieħba u l-awtoritajiet qegħdin jinfluwenzaw il-programmi ta' żvilupp reġjonali, fi żmien meta l-ambjent qiegħed jingħata ħafna aktar attenzjoni, b'mod partikolari permezz tad-dibattitu dwar it-tibdil fil-klima.

***Biex issir taf aktar u tniżżel il-Manwal tal-GRDP, it-Toolkit u l-istudji tal-każ:***
***www.grdp.org***

Il-FEDER fl-azzjoni

## IR-RENJU UNIT

### Enerġija li tista' tiġġedded ibbażata fuq il-Komunità fil-Wied ta' Dyfi, Wales



**Spiża totali:** € 675 000
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** € 227 000

"F'mument ta' reżistenza dejjem tiżdied għal wind farms kummerċjali kbar fiċ-ċentru ta' Wales, dan il-proġett kellu l-mira li jgħin lin-nies lokali jistabbilixxu numru ta' skemi żgħar tagħhom stess dwar l-enerġija li tiġġedded. It-tama kienet li jitjieb l-għarfien u l-appoġġ għall-enerġija li tiġġedded billi jiġu massimizzati l-benefiċċji tagħha fuq il-livell lokali. B'appoġġ mill-Kunsill tal-Kontea ta' Powys, l-Assemblea tal-Gvern ta' Wales u Dulas Ltd, ġew megħjuna 16-il skema b'għotjiet u ħin għall-iżvilupp tan-negozju, fosthom skema idrika ta' 100 kW li hija proprjetà ta' bidwi ta' l-għolja. Twaqqfet il-kooperattiva 'Bro Dyfi Community Renewables'. Minn dak iż-żmien 'l hawn l-ewwel turbina tar-riħ tagħha (75kW) kienet segwita minn oħra (500kW). L-organu amministrattiv 'ecodyfi' żviluppa f'intrapriża soċjali li tappoġġja r-riġenerazzjoni sostenibbli tal-komunità fil-Wied ta' Dyfi."

***Andy Rowland**, Maniġer / Trefnydd, ecodyfi*
***andy.rowland@ecodyfi.org.uk***
***www.ecodyfi.org.uk***

## L-AWSTRIJA

### "Energievision Murau": 100% enerġija minn sorsi li jiġġeddu sa l-2015



**Spiża totali:** € 200 000
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** € 100 000

"Il-proġett 'Energievision Murau' fl-Istyria huwa msejjes fuq approċċ minn isfel għal fuq li jinvolvi l-istakeholders reġjonali kollha fil-kamp ta' l-enerġija, fosthom il-konsumaturi. Permezz tal-proġett, ġew organizzati konferenzi reġjonali dwar l-enerġija li fihom jista' jipparteċipa kulħadd. Il-parteċipanti ġejjin mis-setturi kollha tas-soċjetà (min jippjana, installaturi, SMEs, fornituri u distributuri ta' l-enerġija, operaturi tat-tisħin distrettwali bil-bijomassa, bdiewa u nies li jieħdu ħsieb il-foresti, muniċipalitajiet u awtoritajiet pubbliċi oħra...), u jaħdmu flimkien fuq għanijiet komuni, strateġija u proġetti. Ġew ippjanati azzjonijiet pilota u proġetti ta' investiment f'bosta mill-gruppi ta' ħidma tematiċi, jiġifieri l-bijomassa, l-enerġija solari, l-elettriku ambjentali u l-effiċjenza ta' l-enerġija. Mill-2002 'l hawn is-sehem tas-sorsi li jiġġeddu fis-settur tat-tisħin żdied minn 47% għal 56%, filwaqt li l-produzzjoni ta' elettriku ambjentali tammonta għal 120% tal-ħtiġijiet. Il-proġett wassal għall-ħolqien ta' bosta impjiegi u dħul finanzjarju akbar fiż-żona."

***Josef Bärnthaler**,*
*Energieagentur Judenburg-Knittelfeld-Murau*
***josef.baernthaler@eao.st***

## IL-GREĊJA

### Sfruttament tal-kamp ġeotermiku fil-Bajja ta' Tessaloniki



**Spiża totali:** € 75 600
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** € 37 800

"Iż-żona fil-lvant tal-belt ta' Tessaloniki ilha magħrufa li hija rikka fil-potenzjal ġeotermiku mill-era Griega-Rumana. Madankollu, fiż-żminijiet moderni, din l-enerġija qatt ma ġiet sfruttata realment. Fil-qafas tal-proġett SEIPLED ġie elaborat pjan biex il-kamp ġeotermiku jintuża bħala għodda għall-iżvilupp ekonomiku lokali. L-użu ta' l-enerġija ġeotermika għat-tisħin ta' bini pubbliku, it-tisħin tal-ħamrija ta' kultivazzjonijiet fuq barra u fis-serra u spas rikreattivi ġie realizzat b'suċċess. Ġie żviluppat proġett pilota sabiex pixxina ta' daqs Olimpiku fil-muniċipalità ta' Thermi tiġi msaħħna b'mod ġeotermiku. Il-proġett pilota se jippermetti ffrankar ta' 200 toe/sena, tnaqqis fl-emissjonijiet ta' $CO_2$ ta' 420 tunnellata/sena u se jiġġenera opportunitajiet ta' impjiegi u rikreattivi għall-komunità lokali."

***Kostas Konstantinou**,*
*Direttur Tekniku ta' l-Aġenzija Reġjonali dwar l-Enerġija tal-Maċedonja Ċentrali (REACM) ANATOLIKI S.A.*
***reacm@anatoliki.gr***

## URBACT

### SUDEST – Żvilupp Sostenibbli tal-Bliet li Jmissu mal-Baħar



**Spiża totali:** € 296 000
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** € 150 000

"Is-sħubija transnazzjonali SUDEST ħadmet minn Ottubru 2005 sa Lulju 2007 biex tidentifika prattiċi tajba għall-iżvilupp sostenibbli tal-bliet li jmissu mal-baħar. Hija involviet il-parteċipazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' atturi li ħarsu lejn id-dimensjonijiet kollha tal-kwistjoni; mill-immaniġġar tal-portijiet għall-iżvilupp ta' żoni portwali u l-viċinanzi tagħhom. Flimkien mal-Belt ta' Napli, imsieħeb ewlieni tal-proġett, SUDEST involviet erbat ibliet mill-UE u żewġt ibliet minn pajjiżi terzi, Awtorità Portwali, soċjetà għar-riġenerazzjoni urbana u erba' universitajiet. Filwaqt li jippreżenta sommarju tax-xogħol li twettaq, ir-rapport finali tal-proġett huwa wkoll strument utli biex jgħin lill-ibliet li jmissu mal-baħar isibu soluzzjonijiet adegwati għall-iżvilupp b'mod sostenibbli."

***Gaetano Mollura**, Koordinatur ta' Taqsima tal-Proġett fil-Programm URBACT, Komun ta' Napli, l-Italja*
***urban@comune.napoli.it***
***www.urbact.eu/sudest***

Testimonjanza

## Il-Programm Operattiv tal-Polonja "Infrastruttura u Ambjent 2007-2013"

# Tkabbir ta' l-attrazzjoni tal-Polonja u tar-reġjuni tagħha



***Jaroslaw Orlinski**, Viċi Direttur, Dipartiment għall-Koordinazzjoni tal-Programmi Infrastrutturali, Ministeru ta' l-Iżvilupp Reġjonali, il-Polonja*

Il-Programm Operattiv tal-Polonja "Infrastruttura u Ambjent 2007-2013" huwa l-akbar strument tal-Politika ta' Koeżjoni li qatt kien hemm fl-Unjoni Ewropea. Huwa mhux biss jieħu parti konsiderevoli mill-Fond ta' Koeżjoni allokat għall-Polonja (aktar minn 22 biljun euro) iżda jinkludi wkoll fondi addizzjonali u sinifikanti mill-ERDF (5.7 biljun euro).

Aktar minn 66% tar-riżorsi tal-Programm Operattiv (OP) ġew allokati sabiex jinkisbu l-miri ta' l-hekk imsejħa "Strateġija ta' Lisbona" għat-tkabbir u l-impjiegi. L-akbar sehem tar-riżorsi li jifdal jikkonċerna miżuri ambjentali. Tali konċentrazzjoni ta' riżorsi se tfisser li l-OP aktarx li jkollu impatt sinifikanti mhux biss fuq il-Polonja iżda anki fuq l-Ewropa kollha kemm hi.

Il-Programm se jikkontribwixxi għal investimenti infrastrutturali f'sitt setturi: l-ambjent, it-trasport, l-enerġija, l-edukazzjoni ogħla, il-kultura u s-saħħa. L-għan prinċipali tiegħu huwa li *"tiżdied l-attrazzjoni tal-Polonja u tar-reġjuni tagħha għall-investiment billi tiġi żviluppata l-infrastruttura teknoloġika filwaqt li jinżamm il-ħarsien u t-titjib ta' l-ambjent, is-saħħa, il-wirt kulturali u l-iżvilupp tal-koeżjoni territorjali."*
Għalkemm il-Programm għandu ambitu wiesa', huwa mhux nieqes mill-konverġenza: il-prijoritajiet kollha għandhom miri definiti b'mod ċar u jikkonċentraw fuq attivitajiet bl-akbar valur miżjud. Huma wkoll kumplimentari, billi jaqsmu għan ekonomiku komuni: li tiżdied l-attrazzjoni għal investiment. Madankollu, din il-mira komuni teħtieġ approċċ ħolistiku, billi l-iżvilupp ta' l-infrastruttura tat-trasport waħdu ma jkunx biżżejjed jekk l-infrastruttura ambjentali u l-provvista ta' l-enerġija ma jkunux konformi ma' l-iżvilupp fl-istess ħin. Jekk it-tkabbir ekonomiku jrid ikun sostenibbli, il-konsiderazzjonijiet ambjentali jridu jkunu fost il-miri orizzontali ta' l-OP mill-bidu.

Kif indikat fil-parti strateġika tal-Programm Operattiv Infrastruttura u Ambjent 2007-2013, il-prinċipju ta' l-iżvilupp sostenibbli se jkun implimentat billi jiġu appoġġjati investimenti li jkunu marbuta direttament jew indirettament mal-ħarsien ta' l-ambjent:

- l-inizjattivi marbuta direttament ma' l-ambjent se jinkludu proġetti li għandhom x'jaqsmu ma' l-immaniġġar ta' l-iskart solidu u ilma mormi; ir-riabilitazzjoni tal-miżbliet; it-tkabbir fis-sigurtà ekoloġika; l-aġġustament ta' l-intrapriżi Pollakki għall-ħtiġijiet tal-protezzjoni ta' l-ambjent u l-għoti ta' inċentivi finanzjarji għal miżuri li jaqbżu dawn il-ħtiġijiet; il-konservazzjoni tal-bijodiversità, iż-żoni protetti, l-iżvilupp ta' attitudnijiet soċjali li jikkontribwixxu għall-ħarsien ta' l-ambjent, eċċ.

- l-inizjattivi marbuta indirettament mal-ħarsien ta' l-ambjent se jinkludu attivitajiet u proġetti li jsostnu modi ta' trasport li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, jiġifieri trasport bil-ferrovija, trasport bil-baħar, trasport urban f'żoni metropolitani, żvilupp ta' trasport multimodali, mogħdijiet interni ta' l-ilma u sistemi tat-trasport intelliġenti. Assi speċifiku ta' prijorità li huwa ddedikat kompletament għal trasport li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent ġie mogħti 7.6 biljun euro mill-Fond ta' Koeżjoni. Rigward is-settur ta' l-enerġija, huma ppjanati proġetti li jtejbu u jnaqqsu l-konsum ta' l-enerġija kif ukoll sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu.

Fl-istess ħin, il-konsum razzjonali ta' l-enerġija, l-effikaċja ta' l-enerġija, l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu, l-attivitajiet ta' tnaqqis u kumpens, kif ukoll fatturi bħall-promozzjoni ta' soluzzjonijiet li ma tantx jużaw karbonju se jiġu kkunsidrati b'mod orizzontali fit-tħejjija, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti taħt id-diversi assi ta' prijorità.

Il-Programm Operattiv Infrastruttura u Ambjent 2007-2013 se jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' l-objettivi speċifikati fil-linji politiċi tal-Komunità, kif ukoll l-istrateġiji u l-linji politiċi nazzjonali dwar il-ħarsien ta' l-ambjent fil-Polonja. Bl-implimentazzjoni ta' l-OP, se jsir xi progress biex jintlaħaq il-"prinċipju tas-separazzjoni", jiġifieri li d-dipendenza tal-livelli ta' emissjonijiet jew id-domanda għall-enerġija jiġu separati mill-iżvilupp ekonomiku.



Installazzjoni ta' pompi għal bjar fondi fl-impjant il-ġdid tat-tisfija ta' l-ilma f'Dodrzyca, il-Polonja.

Il-Programm se jippermetti wkoll lill-Polonja ssegwi l-miri marbuta ma' l-emissjonijiet ta' gassijiet tas-serra, li ġew stabbiliti mill-Unjoni Ewropea fl-2007. Huwa ser jagħmel dan billi jsostni attivitajiet li jimmiraw sabiex iżidu l-effikaċja tas-settur ta' l-enerġija, billi jippromwovi enerġiji li jiġġeddu, billi jinvesti f'sistemi tat-trasport sostenibbli u, fejn ikun meħtieġ, billi jeżamina l-influwenza ta' attivitajiet partikolari fuq it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet.

***Aktar tagħrif:***
***http://www.pois.gov.pl***

Rapport

## Il-Lvant ta' l-Ingilterra fuq quddiemnett tas-sostenibbilità u l-enerġija li tiġġedded

# Fit-triq sewwa lejn ekonomija li tipproduċi anqas dijossidu karboniku

**Il-Lvant ta' l-Ingilterra huwa wieħed mill-ftit reġjuni Ewropej li aktarx jilħaq il-miri ġodda u ambizzjużi għat-tnaqqis tal-karbonju fl-UE li ġew stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea fil-pakkett ta' proposti riċenti tagħha biex tiġġieled it-tibdil fil-klima u tippromwovi l-enerġija sostenibbli. Huwa wkoll l-uniku reġjun li għandu programm apposta għalih ta' €110 miljun mill-ERDF li se jgħin biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-$CO_2$ u jżid it-tkabbir ekonomiku.**



*Il-Kummissarju Danuta Hübner waqt li żżur is-sit ta' kostruzzjoni ta' OrbisEnergy f'Jannar 2008.*

*"Din hija inizjattiva emblematika"*, qal il-President ta' l-Aġenzija għall-Iżvilupp tal-Lvant ta' l-Ingilterra (EEDA), Richard Ellis, lil grupp ta' viżitaturi miġbura – fosthom Danuta Hübner – f'Jannar li għadda meta dawwarhom madwar is-sit ta' kostruzzjoni tal-bini ta' OrbisEnergy. Il-proġett irċieva €3.6 miljun mill-programm taħt Objettiv 2 ta' l-ERDF. Sitwat perfettament f'Ness Point f'Lowestoft, li huwa l-aktar punt fil-lvant tal-Gran Brittanja, OrbisEnergy huwa destinat li jkun iċ-ċentru għall-enerġija li tiġġedded mir-riħ, mill-mewġ u mill-marea tul il-lvant ta' l-Ingilterra. Il-bini ta' ħames sulari, li huwa mgħolli fuq it-trampli 30 metru biss mill-plajja, joffri veduti estensivi tal-baħar. Biex jilqa' kontra kundizzjonijiet ħorox tat-temp, OrbisEnergy jinkludi lqugħ permeabbli ddisinjat biex jilqa' lill-okkupanti mid-dawl tax-xemx qawwi kostali. It-tisħin bl-enerġija mix-xemx inaqqas il-varjazzjonijiet fit-temperatura li jkun hemm matul is-sena u jirrendi l-bini tal-konkrit effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija u awto-regolatorju.

L-elettriku jiġi prodott mill-bojler Meta OrbisEnergy tal-bijomassa ta' laqx ta' l-injam. Meta OrbisEnergy jiftaħ fis-sajf ta' l-2008, huwa ser joffri faċilitajiet flessibbli ta' uffiċċji, kmamar tal-bordijiet u konferenzi lil aktar minn 30 kumpanija żgħira u ta' daqs medju involuti fis-settur industrijali ta' l-enerġija li tiġġedded li qed jikber b'pass imgħaġġel. *"OrbisEnergy se jsir katalist għat-tkabbir, u jkollu rwol importanti biex jgħin fir-riġenerazzjoni taż-żoni ta' Lowestoft u Great Yarmouth"*, qalet Lisa Davidson, eżekuttiv għall-komunikazzjoni fl-EEDA.

### Fuq quddiemnett fir-Renju Unit fl-enerġija li tiġġedded

Il-Lvant ta' l-Ingilterra jokkupa pożizzjoni minn ta' quddiemnett fis-suq tar-riħ 'il barra mix-xtut tar-Renju Unit. Ir-reġjun jinsab bejn żewġ żoni kbar ta' żvilupp għal wind farms 'il barra mix-xtut: il-Greater Wash u l-Estwarju tat-Thames. Aktar minn



L-installazzjoni ta' turbina tar-riħ offshore.

6 GW ta' kapaċità offshore mir-riħ hija ppjanata hemmhekk matul it-tmien snin li ġejjin. Il-portijiet ta' Lowestoft u Great Yarmouth huma fiċ-ċentru ta' dawn l-iżviluppi. Iż-żewġ portijiet intużaw matul il-kostruzzjoni tal-Wind Farm 'il barra mix-xtut ta' Scroby Sands, li hija waħda mill-ewwel wind farms kummerċjali 'l barra mix-xtut fir-Renju Unit. Scroby Sands tiġġenera biżżejjed enerġija biex tforni 'l fuq minn 36 000 dar, u b'hekk tiffranka 'l fuq minn 65 000 tunnellata ta' emissjonijiet ta' dijossidu karboniku.

Ir-reġjun jista' jitqies ukoll bħala l-"kapitali tal-gass" tar-Renju Unit; Lowestoft u Great Yarmouth ilhom iservu l-kampijiet tal-gass fin-nofsinhar tal-Baħar tat-Tramuntana għal dawn l-aħħar 40 sena. *"L-għerf u l-ħiliet mill-industrija tal-gass jistgħu jiġu ttrasferiti direttament għall-enerġija tar-riħ 'il barra mix-xtut. Diversi kumpaniji reġjonali li joperaw fl-industrija taż-żejt u tal-gass 'il barra mix-xtut irnexxielhom jiddiversifikaw b'suċċess fl-enerġija mir-riħ 'il barra mix-xtut"*, spjega Richard Ellis, president ta' l-EEDA.

Ir-reġjun, li għandu l-akbar produzzjoni ta' elettriku minn sorsi li jiġġeddu fl-Ingilterra, intrabat li jforni 14% ta' l-elettriku tiegħu minn sorsi li jiġġeddu sa l-2010. L-abbozz ta' pjan għal-Lvant ta' l-Ingilterra jiffissa l-mira tar-reġjun dwar l-enerġija li tiġġedded għal 44% sa l-2020; din tissupera bil-bosta l-miri nazzjonali. Mit-371 MW ta' enerġija ppjanati għar-reġjun minn proġetti tar-riħ 'il bara mix-xtut sa l-2010, 288 MW diġà huma fis-seħħ jew approvati.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-ġejjieni, ġie kkalkulat li kwart tal-ħtiġijiet ta' l-elettriku tar-Renju Unit jistgħu jiġu sodisfatti b'enerġija mill-mewġ u mill-marea, li t-tnejn għadhom f'fażi bikrija ta' l-iżvilupp tagħhom. Ir-reġjun tal-Lvant ta' l-Ingilterra jinvesti aktar fondi fir-riċerka u l-iżvilupp minn kwalunkwe post ieħor fir-Renju Unit u aktar mill-parti l-kbira tar-reġjuni l-oħra Ewropej. Dan ifisser li r-reġjun qiegħed ukoll f'pożizzjoni li joffri servizzi ta' appoġġ adegwati għas-settur emerġenti ta' l-enerġija rinnovabbli mill-baħar.



## 3 Mistoqsijiet
### lil David Morrall

**Direttur għall-Ewropa u internazzjonali** *ta' l-Aġenzija għall-Iżvilupp tal-Lvant ta' l-Ingilterra (EEDA)*

- **David Morrall, il-biċċa l-kbira tar-reġjuni ta' l-UE ma poġġewx enfasi daqshekk qawwija fuq l-ekonomija li ma tantx tipproduċi dijossidu karboniku. X'ħajjar lil-Lvant ta' l-Ingilterra biex jagħmel dan?**
Hemm argument ekonomiku qawwi favur din l-aġenda. Ir-reġjun għandu settur kummerċjali b'saħħtu ħafna u li qiegħed jikber iffukat fuq l-iżvilupp ta' enerġija li tiġġedded u teknoloġiji ambjentali. Dawn il-kumpaniji qegħdin fuq quddiemnett fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda u huwa importanti li nibnu fuq, u nkabbru din il-kompetenza esperta bħala parti prinċipali mill-ekonomija tar-reġjun. Barra minn hekk, il-Lvant ta' l-Ingilterra qiegħed fil-baxx u huwa partikolarment mhedded mill-impatti tat-tibdil fil-klima – għalhekk huwa assolutament kruċjali li nimmaniġġaw it-tkabbir ekonomiku tagħna b'modi li jkunu sostenibbli fuq perjodu twil.
- **Inti kont id-direttur għall-Ewropa f'GO-East, l-awtorità amministrattiva tal-Programm taħt l-Objettiv Tnejn għal-Lvant ta' l-Ingilterra 2000-06. Issa ngħaqadt ma' l-EEDA biex taħdem fuq il-Programm il-ġdid dwar il-Kompetittività 2007-13. X'rabtiet tista' tara bejn iż-żewġ programmi f'termini ta' l-ekonomija li ma tantx tipproduċi dijossidu karboniku?**
Il-programm taħt l-Objettiv 2 kien żviluppat lura fl-1999 u minn dak iż-żmien 'l hawn il-klima mxiet 'il quddiem f'kull sens. Ovvjament, kieku dak iż-żmien issuġġerejna programm li kien jiffoka fuq produzzjoni anqas ta' dijossidu karboniku, jiena ċert li konna nieħdu reazzjoni pjuttost imħallta. Minkejja dan, ilna għal xi żmien li għarafna l-importanza ta' din l-aġenda fil-Lvant ta' l-Ingilterra, u għaldaqstant l-investiment tagħna permezz tal-Programm ta' l-Objettiv 2 fi proġetti bħal OrbisEnergy u l-impenn qawwi tagħna lejn is-sostenibbiltà bħala tema cross-cutting f'dan il-programm. Għaldaqstant qegħdin nibdew il-programm ġdid tagħna għat-Tnaqqis tad-Dijossidu Karboniku taħt l-objettiv ta' l-ERDF dwar il-Kompetittività 2007-13 minn bażi soda, li taqbel ħafna ma' l-impenn aktar wiesa' ta' Lisbona li fuqu huwa msejjes il-perjodu ta' programmazzjoni ġdid ta' l-UE.
- **Mhux 'il bogħod minn Londra, il-Lvant ta' l-Ingilterra huwa reġjun dinamiku li mistenni jikber b'mod sinifikanti ħafna fil-perjodu sa l-2021. Huwa possibbli tikkonċilja dan it-tkabbir qawwi mal-miri stabbiliti għall-ekonomija biex tipproduċi anqas dijossidu karboniku?**
It-tnejn imorru flimkien. Tkabbir qawwi jġib miegħu sfidi partikulari u opportunitajiet ekonomiċi. Permezz tal-programm il-ġdid, aħna ħerqana biex nassiguraw li t-tkabbir ikun sostenibbli iżda fl-istess waqt li nimmassimizzaw l-opportunitajiet ekonomiċi. Ħerqana wkoll sabiex ikollna rwol ewlieni fit-tiswir tal-politika f'din l-aġenda u għalhekk jiena determinat sabiex nassigura li naqsmu l-għarfien u l-esperjenzi tagħna mill-programm il-ġdid ma' reġjuni u msieħba oħra madwar l-Ewropa.

## Sabiex jintlaħaq kunsens

Il-Lvant ta' l-Ingilterra, bl-ekonomija ta' suċċess tiegħu megħjuna sa ċertu punt mir-rabtiet sodi ma' Londra, jilqa' fih 5.5 miljun ruħ. Ir-reġjun għandu jara tkabbir ekonomiku saħansitra akbar tul il-perjodu sa l-2021. Dan se jinkludi 500 000 dar addizzjonali, 450 000 impjieg ieħor u żieda fil-popolazzjoni għal sitt miljun ruħ. Ġeografikament, il-Lvant ta' l-Ingilterra huwa partikolarment vulnerabbli għat-tibdil fil-klima minħabba t-topografija baxxa tiegħu, ammont ta' xita relattivament baxx fis-sena u kosta kbira. Għalhekk, huwa importanti li jitwassal tkabbir ekonomiku li jirrikonoxxi u jindirizza l-impronta karbonika tar-reġjun. Is-sostenn ta' ekonomija li tipproduċi anqas dijossidu karboniku għandu jassigura li t-tkabbir iseħħ b'mod li huwa mixtieq, sostenibbli u essenzjali għall-perjodu 2007-13 u wara.

Mit-3 ta' Settembru sas-26 ta' Novembru 2007, saret konsultazzjoni wiesgħa dwar l-abbozz ta' strateġija ekonomika reġjonali. L-EEDA rċeviet 'il fuq minn 200 tweġiba formali bil-miktub. Xi 270 ruħ, li kienu jirrappreżentaw madwar 180 organizzazzjoni, attendew avvenimenti ta' workshops. Saru tmenin laqgħa ta' konsultazzjoni ma' gruppi u aġenziji ta' sħubija lokali u reġjonali. Ir-reazzjonijiet ġew miġbura u rrekordjati mill-EEDA tul il-perjodu ta' konsultazzjoni ta' 12-il ġimgħa.

Waqt li kien qiegħed jikkummenta dwar il-proċess, Richard Ellis qal: *"Fix-xhur li ġejjin irridu nikkunsidraw l-implikazzjonijiet ta' informazzjoni u analiżi ġdida, fosthom aktar ħidma li teżamina l-implikazzjonijiet għall-affordabilità fir-rigward ta' l-ambjent u l-akkomodazzjoni ta' livelli differenti ta' tkabbir ekonomiku. Din hija sfida kbira iżda eċċitanti sabiex jitfassal pjan ma' l-imsieħba li għandu jżid il-produttività tar-reġjun u jgħin biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, u b'hekk jassigura li n-negozji jkunu jistgħu jieħdu l-opportunitajiet offruti minn ekonomija li ma tantx tipproduċi dijossidu karboniku."* It-tweġibiet kollha għall-konsultazzjoni bħalissa qegħdin jiġu analizzati u huwa ppjanat li l-istrateġija finali dwar l-ekonomija reġjonali tiġi ppubblikata fis-sajf li ġej. Fid-dawl ta' l-Istrateġija tar-Renju Unit dwar l-Iżvilupp Sostenibbli[1], l-aħħar proposti ta' l-UE

### Qsim tas-sostenibbilità tul il-Baħar tat-Tramuntana

Bejn l-2000 u l-2007, ir-reġjun tal-Lvant ta' l-Ingilterra kien involut f'żewġ proġetti ta' kooperazzjoni taħt INTERREG IIIB ma' reġjuni oħra tal-Baħar tat-Tramuntana fil-qasam ta' l-iżvilupp sostenibbli.

**POWER** (Pushing Offshore Wind Energy Regions), ħoloq Netwerk ta' Kompetenza tal-Baħar tat-Tramuntana dwar l-enerġija mir-riħ 'il barra mix-xtut, li laqqa' flimkien organizzazzjonijiet minn reġjuni prinċipali fil-qasam ta' l-enerġija mir-riħ 'il barra mix-xtut. F'POWER, imsieħba mill-Kunsill tal-Kontea ta' Suffolk u mil-Lvant ta' l-Ingilterra ssieħbu ma' organizzazzjonijiet fil-Ġermanja, id-Danimarka, l-Olanda u l-Flanders. Il-proġett kiseb reputazzjoni eċċellenti, u ġie ppreżentat f'numru kbir ta' seminars u konferenzi fuq livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew. Suċċessi notevoli għal-Lvant ta' l-Ingilterra kienu l-istabbiliment ta' netwerk internazzjonali b'saħħtu ta' l-industrija tar-riħ 'il barra mix-xtut, numru ta' avvenimenti internazzjonali ta' netwerking kummerċjali li rnexxew ħafna, il-pubblikazzjoni ta' studji dwar il-katina tal-provvista għall-enerġija mir-riħ 'il barra mix-xtut u l-organizzazzjoni ta' Master Class dwar l-Enerġija mir-Riħ 'il Barra mix-Xtut fil-Kulleġġ ta' Lowestoft.

**SmartLIFE** (Smart Lifestyle Innovations for our Environment), kien proġett pilota internazzjonali mmexxi mill-Kunsill tal-Kontea ta' Cambridgeshire, bi sħubija mad-Dipartiment ta' l-Ambjent tal-Belt ta' Malmö fl-Isvezja u TuTech Innovation GmbH f'Hamburg, il-Ġermanja. L-attenzjoni prinċipali ta' SmartLIFE kienet fuq in-nuqqas ta' ħiliet u kapaċità fi ħdan l-industrija tal-kostruzzjoni biex tipprovdi akkomodazzjoni ġdida li tkun kemm affordabbli kif ukoll ambjentalment sostenibbli. Il-proġett stabbilixxa numru ta' korsijiet ta' taħriġ u kwalifiki. Xi 2 500 apprendist għaddew miċ-ċentri mwaqqfa permezz ta' SmartLIFE. Il-proġett irċieva diversi premjijiet ambjentali u ġie magħżul għall-Premjijiet tad-DG RegioStars 2008.



*L-"Innovation and Business Base" f'Luton.*

(1) Skond il-Ftehim ta' Kyoto, ir-Renju Unit għandu mira internazzjonali sabiex inaqqas l-emissjonijiet tiegħu ta' gassijiet tas-serra bi 12.5% fuq il-perjodu 2008-2012. Żewġ miri domestiċi oħra aktar ambizzjużi huma: li jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu karboniku b'20% sa l-2010 u b'madwar 60% sa l-2050, meta mqabbel mal-livelli ta' l-1990.



*Camgrain, kumpanija li taħżen il-qamħ li hija proprjetà ta' bdiewa, ser tnaqqas l-emissjonijiet tagħha ta' karbonju b'1000 tunnellata fis-sena.*

għat-tnaqqis tad-dijossidu karboniku, u kunfidenti mill-ħiliet reġjonali li jeżistu sabiex jappoġġjaw l-iżviluppi f'dan il-kamp, il-mira li tinkiseb ekonomija li ma tantx tipproduċi dijossidu karboniku f'dan ir-reġjun tgawdi appoġġ wiesa'.

## Ġemgħa ambjentali f'Peterborough

Peterborough (popolazzjoni: 160 000) għandha l-ambizzjoni li ssir il-"Kapitali Ambjentali" tar-Renju Unit. Il-belt tilqa' fi ħdanha 300 negozju li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent u numru ta' organizzazzjonijiet ambjentali, fosthom iċ-Ċentru għall-Iżvilupp Ekonomiku u Ambjentali tar-Renju Unit. Tali konċentrazzjoni ta' negozji u organizzazzjonijiet għenet sabiex tinħoloq ġemgħa ambjentali li kkontribwiet għal kisbiet ambjentali aktar wesgħin. Il-membri tal-ġemgħa huma diversi: aġenziji mis-settur pubbliku li jipprovdu parir lill-gvern dwar politika; kumpaniji involuti attivament fir-riċiklaġġ ta' l-iskart; kumpaniji li jiżviluppaw u jużaw l-aħħar teknoloġiji u ditti ta' konsulenza li jbigħu l-għarfien espert tagħhom madwar id-dinja.

Il-ġemgħa timpjega iżjed minn 4500 ruħ u hija responsabbli għal aktar minn ħamsa fil-mija tal-PGD tal-belt. Ċentru ta' innovazzjoni, li fetaħ dan l-aħħar, se jsostni u jieħu ħsieb negozji li għadhom jibdew fis-settur ambjentali. Ġie ppjanat "distrett ambjentali" qrib l-istazzjon tal-ferrovija; dan ser jinkludi 25 000 $m^2$ żvilupp ta' uffiċċji li ma tantx jipproduċu dijossidu karboniku u ħanut tal-bejgħ bl-imnut li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent. F'Peterborough, l-istess bħal f'postijiet oħra bħal Lowestoft biċ-ċentru "OrbisEnergy" jew Luton bil-"Bażi ta' Innovazzjoni u Negozju", dawn il-faċilitajiet ġodda appoġġjati mill-ERDF qegħdin jilagħbu rwol importanti ħafna fit-titjib taż-żoni fejn jinsabu. Ir-rabta intrinsika bejn il-ħolqien ta' l-infrastruttura u r-riġenerazzjoni urbana hija aspett prinċipali ta' l-istrateġija reġjonali dwar l-iżvilupp sostenibbli. *"Il-Lvant ta' l-Ingilterra, f'ħafna aspetti, qiegħed fuq quddiemnett fil-progress li qiegħed jagħmel biex jiżviluppa l-prosperità tar-reġjun bħala ekonomija li ma tantx tipproduċi dijossidu karboniku,"* ikkonkluda David Morrall.

***Aktar tagħrif:* http://www.eeda.org.uk/**

## Il-Programm ta' l-ERDF dwar il-Kompetittività għal-Lvant ta' l-Ingilterra (2007-13)

Ir-reġjun tal-Lvant ta' l-Ingilterra, li jinkludi l-kontei ta' Bedfordshire, Cambridgeshire, Essex, Hertfordshire, Norfolk u Suffolk, ġie allokat madwar €110 miljun taħt l-"Objettiv tal-Kompetittività u l-Impjiegi" ta' l-UE. Il-Programm il-ġdid ta' l-ERDF dwar il-Kompetittività għal-Lvant ta' l-Ingilterra jitlaq mill-programm preċedenti ta' l-Objettiv 2 (2000-06) li indirizza r-ristrutturazzjoni ekonomika, biex jerġa' jiffoka l-fondi ta' l-ERDF fuq opportunitajiet għal tkabbir sostenibbli madwar ir-reġjun.

L-għanijiet tal-programm huma:
- Li tittejjeb l-ekonomija bbażata fuq l-għerf sabiex jinħolqu aktar impjiegi u ta' kwalità aħjar fil-kuntest ta' livelli li qatt ma kien hawn bħalhom ta' tkabbir ippjanat.
- Li jiġu inkoraġġiti l-innovazzjoni, l-intraprenditorjat u t-tkabbir ta' l-ekonomija bbażata fuq l-għerf permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni, fosthom teknoloġiji ġodda ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni.
- Li jinħolqu aktar impjiegi u aħjar billi jiġu attirati aktar nies fix-xogħol u billi tittejjeb l-adattabilità tal-ħaddiema u ta' l-intrapriżi u billi jiżdied l-investiment fil-kapital uman.
- Li l-aġenda tat-tkabbir titwassal b'mod li jirrikonoxxi l-effett tal-karbonju fuq ir-reġjun u l-ħtieġa li dan jiġi stabbilizzat u mnaqqas.

### Prijoritajiet

Konformi mat-tema ġenerali, il-programm għandu tliet assi operattivi ta' prijorità:
1)**Li jippromwovi l-innovazzjoni u t-trasferiment ta' l-għerf bil-għan li titjieb il-produttività** (€37.3 miljun) - a) Jinkoraġġixxi l-kummerċjalizzazzjoni tul il-bażi ta' riċerka b'saħħitha tar-reġjun, fosthom teknoloġiji 'nodfa' biex iżidu l-effiċjenza u l-produttività; b) Jappoġġja l-adozzjoni ta' teknoloġija ta' l-informazzjoni li tista' ssostni l-innovazzjoni u l-produttività; ċ) Jinkoraġġixxi lin-negozji biex jaħdmu ma' Istituzzjonijiet ta' l-Edukazzjoni Ogħla sabiex jistimulaw it-trasferiment ta' l-għerf.
2) **Li jistimula l-intrapriża u jsostni negozju ta' suċċess billi jingħelbu l-ostakoli għall-ħolqien u l-espanzjoni tan-negozju** (€26.6 miljun) – a) Itejjeb l-aċċess tan-negozji għall-finanzi, speċjalment dawk li ma tantx jipproduċu dijossidu karboniku; b) Isostni l-iżvilupp ta' Intrapriżi Soċjali speċjalment dawk li ma tantx jipproduċu dijossidu karboniku; ċ) Jippromwovi negozji 'ġodda', b'mod partikolari dawk fi gruppi li mhumiex irrappreżentati biżżejjed, eż. in-nisa, minoranzi etniċi u komunitajiet migranti; d) Isostni negozji bi tkabbir kbir; e) Jiżviluppa teknoloġiji ġodda u oqsma ta' enerġija li tista' tiġġedded; f) Jinkoraġġixxi prattiċi amministrattivi u operattivi għan-negozji li jnaqqsu l-effett tagħhom tad-dijossidu karboniku.
3) **Li jassigura żvilupp, produzzjoni u konsum sostenibbli** (€42.6 miljun) – a) Isostni t-tkabbir fl-impjiegi lokali u tan-negozju f'żoni urbani u rurali li jippermetti produzzjoni baxxa ta' dijossidu karboniku; b) Isostni approċċ li ma tantx jipproduċi dijossidu karboniku fil-kostruzzjoni u l-iżvilupp fiżiku; ċ) Jippromwovi l-użu effiċjenti tar-riżorsi u t-tnaqqis ta' l-iskart.

***Kuntatt:* erdf@eeda.org.uk**

Testimonjanza

# "Biex nagħmlu El Hierro sostenibbli" – proġett innovattiv li għandu l-mira li tinkiseb awto-suffiċjenza fil-qasam ta' l-enerġija fil-Gżejjer Kanari



***Juan Ruiz Alzola**, Direttur ta' l-Istitut tat-Teknoloġija tal-Ġżejjer Kanari (ITC)*

El Hierro, bħall-gżejjer l-oħra fil-Kanari, tiddependi għalkollox fuq enerġija li tiġi minn sorsi esterni. L-elettriku tagħha jiġi fornut minn power stations li jużaw fjuwils fossili li jniġġsu. Għalkemm il-gżira għandha riżorsi abbundanti f'termini ta' enerġija mir-riħ, l-użu ta' dan il-potenzjal enormi sabiex iforni l-elettriku lill-gżira qiegħed jirriżulta biċċa xogħol diffiċli.

Iridu jiġu megħluba diffikultajiet tekniċi konsiderevoli qabel ma l-enerġiji li jiġġeddu jkunu jistgħu jiġu introdotti b'mod wiesa'. Possibbiltà waħda hija li sistemi li jaħdmu bl-enerġija tar-riħ jiġu kkombinati ma' sistemi idro-elettriċi żgħar, fejn l-ilma jiġi ppumpjat bejn żewġ ġibjuni f'għoli differenti bl-użu ta' l-enerġija mir-riħ. Meta jkun hemm domanda għall-elettriku, l-ilma li jaqa' mill-ġibjun ta' fuq iħaddem it-turbini fl-impjant idro-elettriku.

El Hierro għandha arja tas-superfiċje żgħira (278 $km^2$) b'kuntrasti ċari fit-topografija. Il-ħtiġijiet ta' l-elettriku ta' l-10,500 abitant tagħha huma pprovduti minn power station ta' 12 MW li taħdem bid-diesel. Minħabba d-daqs tagħha, it-terren muntanjuż, il-konsum ta' l-enerġija u l-potenzjal kbir ta' enerġija mir-riħ, il-gżira qiegħda f'pożizzjoni ideali għal sistema li tiġġenera l-elettriku bl-ilma u r-riħ. Is-sistema proposta għal El Hierro, tinvolvi power station li tipproduċi l-elettriku bil-qawwa tar-riħ liema elettriku mbagħad jinxteħet fil-grilja tal-gżira biex jaqdi parti mill-bżonnijiet. Jekk ikun hemm enerġija żejda mir-riħ li ma tkunx tista' tinxteħet fil-grilja ta' l-elettriku, din l-enerġija żejda tintuża biex tippompja l-ilma bejn il-ġibjuni. Jekk il-veloċità tar-riħ ma tkunx kbira biżżejjed, jinħareġ l-ilma maħżun, li jaqa' fuq diversi turbini li mbagħad jiġġeneraw l-enerġija elettrika meħtieġa. L-impjant li jaħdem bl-enerġija mir-riħ u mill-ilma jittrasforma sors ta' l-elettriku intermittenti fi provvista ta' l-elettriku kkontrollata u kontinwa. Dan il-proċess jagħmel l-aħjar użu mill-enerġija tar-riħ u jnaqqas il-konsum tal-fjuwils fossili.

Il-Kunsill ta' El Hierro, il-kumpanija ta' l-elettriku UNELCO-ENDESA u l-Gvern tal-Gżejjer Kanari dan l-aħħar stabbilew permezz ta' l-ITC, il-kumpanija "Gorona del Viento El Hierro", li se tkun responsabbli għat-twaqqif u t-tmexxija ta' l-impjant li jaħdem bl-enerġija mill-ilma u r-riħ. Attwalment, l-ITC u UNELCO-ENDESA qegħdin jaħdmu flimkien fuq il-proġetti ta' l-inġinerija biex jibnu u jimmaniġġaw is-sistema li taħdem bl-enerġija mill-ilma u r-riħ. Dan il-proġett jirrappreżenta sfida teknoloġika kbira, billi huwa l-ewwel wieħed fid-dinja. L-involviment ta' l-Istitut għad-Diversifikazzjoni u l-Iffrankar ta' l-Enerġija (IDEA) jġib aktar valur miżjud lejn il-proġett u se jgħin biex idawwar din l-idea f'realtà fil-ġejjieni qrib.

L-impjant li jaħdem bl-enerġija mill-ilma u r-riħ (spiża stmata €54 miljun) se jiġġenera total ta' 10 MW ta' elettriku, u b'hekk inaqqas il-konsum annwali taż-żejt b'6,000 tunnellata u jevita l-bżonn li ż-żejt jiġi ttrasportat lejn il-gżira bil-vapur. Fuq kollox, se jkun hemm 20 000 tunnellata anqas ta' $CO_2$ ippumpjati fl-atmosfera kull sena.

Il-proġett bit-titlu "El Hierro: 100% Enerġija li Tiġġedded" huwa ko-finanzjat mill-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali Ewropew u kkoordinat mill-ITC u se jara l-involviment mill-Kunsill ta' El Hierro u ħames istituzzjonijiet oħra Ewropej. Se jsir studju dwar strateġiji sabiex tinkiseb awto-suffiċjenza totali fl-enerġija għall-gżira, kif ukoll il-possibilità li dan il-proġett ambizzjuż jiġi trasferit għal gżejjer oħra fl-Ewropa u reġjuni oħra madwar id-dinja. L-istrateġiji jinkludu t-tqajjim ta' kuxjenza dwar kwistjonijiet marbuta ma' l-iffrankar ta' l-enerġija u ż-żieda fl-użu ta' sorsi oħra ta' enerġija li tiġġedded (bħall-enerġija termali u l-enerġija solari fotovoltajka) jew l-użu ta' diversi tipi ta' bijomassa u skart organiku prodotti fuq il-gżira. Dan il-proġett ta' enerġija li tiġġedded se jpoġġi lill-gżira ta' El Hierro minn ta' quddiemnett fid-dinja f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-implimentazzjoni ta' sistemi awto-suffiċjenti ta' l-enerġija bbażati fuq sorsi nodfa, li jiġġeddu, u b'hekk jikkontribwixxi għall-kampanja favur l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, li jkun kompatibbli mal-preservazzjoni ta' l-ambjent.

***Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok żur:***
***itc@itccanarias.org***



*Veduta tas-sistema sħiħa.*

INTERREG fl-azzjoni

## INTERREG IIIA SPANJA/PORTUGALL

### Għajnuna lis-settur tas-sufra



**Spiża totali:** € 2 106 435
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** € 1 579 827

"Is-sufra hija riżorsa prinċipali għall-bilanċ ambjentali u territorjali tas-Sjerri ta' San Mamede u San Pedro, żona ta' 8 500 km² li tinsab fix-xlokk tal-peniżola Iberika, qrib ir-reġjuni ta' Alentejo u Extremadura. F'din iż-żona, aktar minn 120 negozju żgħir jistgħu jisparixxu jekk jintilef s-suq tradizzjonali tagħhom. il-produzzjoni tas-sufra għall-inbid. Biex tindirizza din it-theddida, il-proġett ta' kooperazzjoni transkonfinali 'Corchiça' wassal għal għarfien aħjar tas-settur, taż-żona u tas-suq. Barra minn hekk, ġew implimentati azzjonijiet promozzjonali, ġiet appoġġjata l-kooperazzjoni bejn il-produtturi u ngħatat assistenza teknika fl-immaniġġar tan-negozju. Dan l-approċċ laħaq il-qofol tiegħu bl-istabbiliment ta' pjan dwar strateġija u l-ħolqien ta' 'Ġemgħa tas-Sufra' f'Extremadura li hija ppjanata għall-2008."

***Fatima Cano**,*
*Uffiċjal tal-Proġett, ASECOR bordering*
***fcano@asecor.com***

## INTERREG IIIA L-Irlanda/L-Irlanda ta' Fuq

### "Sinjali Vitali": għarfien ambjentali fost it-tfal ta' l-iskola



**Spiża totali:** € 532 140
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** € 399 105

"Sinjali Vitali kien proġett ta' kooperazzjoni 2005-06 li żviluppa softwer għat-teknoloġija tal-pda u database fuq websajt imqabbda mal-GIS ta' informazzjoni dwar it-temp, il-kwalità ta' l-ilma, il-karatteristiċi tal-fluss u l-ambjenti naturali fil-catchments tax-Xmara Blackwater, Foyle u Melvin, li jinsabu tul il-fruntiera ta' l-Irlanda ta' Fuq u r-Repubblika ta' l-Irlanda. Kull xahar l-istudenti għamlu annotazzjoni qrib ta' l-iskola tagħhom u wara l-informazzjoni ttellgħet fid-database ta' fuq il-websajt. It-tfal kellhom l-opportunità li jqabblu l-informazzjoni tagħhom ma' dik ta' skejjel oħra fi ħdan il-baċin tax-xmara tagħhom. Ġiti istruttivi konġunti rawmu rabtiet bejn il-komunitajiet u pussess akbar tar-riżorsi lokali. Il-proġett inkoraġġixxa kuxjenza ambjentali akbar fost it-tfal u introduċa teknoloġiji ġodda fi skejjel u komunitajiet rurali remoti."

***Gretta McCarron**, Kap tal-proġett*
***blackwatervitalsigns@yahoo.ie***
***www.vitalsignsireland.org***

## INTERREG IIIC Il-Lvant

### Konverżjoni ta' miżbla magħluqa



**Spiża totali:** € 4 500 000
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** € 3 240 000

"Il-proġett ta' kooperazzjoni IUWMM (Mudell Integrat għall-Immaniġġar ta' l-Iskart Urban) kien jinvolvi l-parteċipazzjoni ta' 14-il awtorità lokali u reġjonali li qasmu prattiċi tajba fil-kamp ta' l-immaniġġar ta' l-iskart. Wieħed mill-każijiet studjati kienet miżbla qadima, magħluqa, fin-nofsinhar tal-belt ta' Leipzig (pop.: 500 000). Fl-imgħoddi, ġew iddepożitati hemmhekk madwar 3.8 miljun m³ ta' skart. Il-miżbla ma kinetx tikkonforma mar-regolamenti ambjentali Ewropej, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħarsien ta' l-ilma tal-pjan u l-emissjonijiet ta' gassijiet tal-miżbla. Bħala l-ewwel pass, ġew investigati r-riskji għall-ambjent. Wara dan, ġie mfassal l-iżvilupp mill-ġdid tal-miżbla bil-ħsieb li jitnaqqas l-ammont ta' lissija li tnixxi minn ġol-miżbla, il-miżbla tibda tintuża bħala żona ta' rikreazzjoni u fl-aħħarnett li tiġi ġġenerata l-enerġija mill-gassijiet tal-miżbla u l-enerġija solari. Konsegwentement, il-miżbla tgħattiet b'sistema ta' siġillar (26 ha) u wara ġiet ikkultivata."

***Frank Richter**, Stadtreinigung Leipzig,*
*Eigenbetrieb der Stadt Leipzig*
***FRichter@SRLeipzig.de***

## INTERREG IIIB Il-Baħar Baltiku

### Adattament għat-tibdil fil-klima fir-reġjun tal-Baħar Baltiku



**Spiża totali:** € 2 246 822
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** € 1 399 616

"L-adattament għat-tibdil fil-klima għandu rwol importanti ħafna fl-iżvilupp territorjali sostenibbli. 'Lejn adattament għat-tibdil fil-klima fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku' huwa l-aħħar riżultat tal-proġetti pan-Baltiċi dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima ('SEAREG' u 'ASTRA') li saru taħt it-tmexxija ta' l-Istħarriġ Ġeoloġiku tal-Finlandja b'kollaborazzjoni ma' diversi awtoritajiet lokali u reġjonali u istituti tar-riċerka. Din il-kooperazzjoni interdixxiplinarja produttiva ppermettiet lil bliet bħal Espoo fil-Finlandja u Gdansk fil-Polonja, li jinkludu l-adattament għat-tibdil fil-klima fl-ippjanar futur ta' l-użu ta' l-art."

***Philipp Schmidt-Thomé**,*
*Stħarriġ Ġeoloġiku tal-Finlandja (GTK)*
***philipp.schmidt-thome@gtk.fi***
***www.astra-project.org***

KN-LR-08-025-MT-C

## "Ħidma għar-Reġjuni – Il-Politika Reġjonali ta' l-UE 2007-2013"

L-opuskolu l-ġdid "Ħidma għar-Reġjuni. Il-Politika Reġjonali ta' l-UE 2007-2013" huwa disponibbli bil-lingwi kollha tal-Komunità. Il-pubblikazzjoni ta' 36 paġna tispjega kif taħdem il-politika reġjonali ta' l-UE u kif tgħin, per eżempju, it-trasport, l-innovazzjoni, l-iżvilupp ambjentali u urban fir-reġjuni u l-bliet ta' l-Ewropa. Il-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni, l-evalwazzjoni tal-programm, kif ukoll il-ħtiġijiet tal-verifika, kontroll u pubbliċità huma aspetti oħra ttrattati fil-pubblikazzjoni. Il-figuri juru kemm se jintefqu flus (mill-fondi ta' l-UE) fis-27 Stat Membru ta' l-UE u fuqiex fis-snin li ġejjin.
http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/presenta/pres_en.htm

## Kuntatt

Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali
Unità B1 – Komunikazzjoni, Informazzjoni, Relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi
Ana-Paula Laissy
Avenue de Tervuren 41, B-1040 Brussels
Fax: (32-2) 29-66003
E-mail: regio-info@ec.europa.eu
Internet: http://ec.europa.eu/regional_policy/index_en.htm

ISSN 1830-9348

*© Il-Komunitajiet Ewropej, 2008*
*Jista' jiġi riprodott bil-kundizzjoni li jissemma s-sors.*

*Mitbugħ fil-Belġju*

*OFFICE OF THE OFFICIAL PUBLICATIONS*
*OF THE EUROPEAN COMMUNITIES*
*L-2985 Luxembourg*

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
*Publications.europa.eu*